Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Settembru 2025
(OR. en)

11579/25

LIMITE

UD 159
COEST 578
CID 4
TRANS 304

PUBLIC

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0208 (NLE)**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| fi: | 17 ta' Settembru 2025 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-oġġetti u fil-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu rigward l-istediniet biex ir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro jaderixxu ma' dawk il-Konvenzjonijiet u rigward l-adozzjonijiet tad-deċiżjonijiet li jemendaw il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu bħala segwitu għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Montenegro mal-Konvenzjoni<br>- Adozzjoni |

1. Fil-11 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea (UE) fil-Kumitat Konġunt tal-UE-Pajjiżi ta' Tranżitu Komuni (CTC) stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-oġġetti, u fil-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit bil-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu rigward l-istediniet biex ir-Repubblika tal-Moldova u l-Montenegro jaderixxu ma' dawk il-Konvenzjonijiet u rigward l-adozzjonijiet tad-deċiżjonijiet li jemendaw il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu bħala segwitu għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Montenegro mal-Konvenzjoni[1], abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[1] Dok. ST 11545/25 + ADD 1

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-proposta u wara proċedura bil-miktub fit-18 ta' Lulju 2025 qabel dwar it-test kif jinsab fid-dokument ST 11552/25.

3. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista':

- jikkonferma l-qbil milħuq mill-Grupp ta' Ħidma;
- jistieden lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument ST 11565/25 + ADD 1 (test rivedut mill-ġuristi lingwisti) bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

4. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

PUBLIC